

# Il-Ġurnal Ufficijali L 246 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Volum 63

30 ta' Lulju 2020

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- |  |   |
|--|---|
| ★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1124 tat-30 ta' Lulju 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/1686 li jipponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom..... | 1 |
| ★ Regolament Ta' Implantazzjoni Tal-Kunsill (UE) 2020/1125 tat-30 ta' Lulju 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/796 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha .....   | 4 |

#### DEĊIJONIJIET

- |   |    |
|---|----|
| ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1126 tat-30 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni, grupperi, imprezzi u entitajiet assoċjati magħhom ..... | 10 |
| ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1127 tat-30 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha .....                   | 12 |

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1124

tat-30 ta' Lulju 2020

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/1686 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 tal-20 ta' Settembru 2016 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Settembru 2016 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/1686.
- (2) Fid-dawl tat-thedda kontinwa ta' ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, jenħtieġ li tiżdied persuna waħda mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness I ġħar-Regolament (UE) 2016/1686.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/1686 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-Anness I ġħar-Regolament (UE) 2016/1686 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

¹) ĠU L 255, 21.9.2016, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ROTH

---

## ANNESS

L-entrata li ġejja tiżdied mal-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2016/1686:

“6. Bryan D'ANCONA; data tat-twelid: 26 ta' Jannar 1997; post tat-twelid: Nizza (Franza); nazzjonalità: Franċiża.”.

---

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1125

tat-30 ta' Lulju 2020

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/796 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Mejju 2019 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2019/796.
- (2) Il-miżuri restrittivi immirati kontra l-attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha huma wħud fost il-miżuri inklużi fil-qafas tal-Unjoni għal rispons diplomatiku konġunt għal aktivitajiet ċibernetiċi malizzjużi (is-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija) u huma strument vitali biex aktivitajiet bħal dawn jiġu skoraġġuti u jingħata respons għalihom. Il-miżuri restrittivi jistgħu wkoll jiġu applikati b'rispons għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, fejn jitqiesu meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (3) Fis-16 ta' April 2018, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li fihom ikkundanna bil-qawwa l-użu malizzjuż tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inkluż l-attakki ċibernetiċi magħrufa pubblikament bħala "WannaCry" u "NotPetya", li kkawżaw ħsara u telf ekonomiku sinifikanti fl-Unjoni u lil hinn minnha. Fl-4 ta' Ottubru 2018, il-Presidenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-Rappreżentant Għoli) esprimew f'dikjarazzjoni konġunta tħassib serju dwar it-tentattiv ta' attakk ċibernetiku maħsub li jdghajnejf l-integrità tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands, att aggressiv li wera disprezz lejn l-għan solenni tal-OPCW. Fdikjarazzjoni maġħmula fisem l-Unjoni fit-12 ta' April 2019, ir-Rappreżentant Għoli ħeġġeġ lill-atturi biex ma jibqgħux iwettqu aktivitajiet ċibernetiċi malizzjużi li għandhom l-għan li jdgħajfu l-integrità, is-sigurtà u l-kompetitività ekonomika tal-Unjoni, inkluż atti ta' serq ta' proprjetà intellettuali ffaċilitat miċ-ċibernetika. Fost dan is-serq iffaċilitat miċ-ċibernetika hemm dak imwettaq mill-attur magħrufa pubblikament bħala 'APT10' ('Advanced Persistent Threat 10').
- (4) F'dan il-kuntest, u bħala prevenzjoni, skoraġġiment, deterrent u respons għal imġiba malizzjuż kontinwa u dejjem tiżdied fiċ-ċiberspazju, jenħtieġ li sitt persuni fiż-żi u tliet entitajiet jew korpi jiġu inklużi fil-lista tal-persuni fiż-żi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/796. Dawk il-persuni u entitajiet jew korpi huma responsabbi, ipprovdex appoġġ jew kienu involuti, jew, jew iffaċilitaw, attakki ċibernetiċi jew tentattivi ta' attakk ċibernetiċi, inkluż it-tentattiv ta' attakk ċibernetiku kontra l-OPCW u l-attakki ċibernetiċi magħrufa pubblikament bħala "WannaCry" u "NotPetya", kif ukoll l-"Operation Cloud Hopper".
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/796 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/796 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

<sup>(¹)</sup> ĠU L 129I, 17.5.2019, p. 1.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2020.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
M. ROTH*

---

## ANNESS

Il-persuni u, l-entitajiet jew il-korpi li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/796:

## "A. Persuni fiżiċi

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	GAO Qiang	Post tat-tweliż: Provinċja ta' Shandong, iċ-Ċina Indirizz: Room 1102, Guanfu Mansion, 46 Xinkai Road, Hedong District, Tianjin, China Nazzjonaliità: Ċiniża Sess: raġel	<p>Gao Qianq huwa involut fl-'Operation Cloud Hopper', sensiela ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li joriġinaw minn barra l-Unjoni u li jikkostitwixxu theddida esterna għall- Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, u ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi. L-'Operation Cloud Hopper' kellha fil-mira tagħha s-sistemi ta' informazzjoni ta' kumpanniji multinazzjonali f'sitt kontinenti, inkluż kumpanniji li jinsabu fl- Unjoni, u kisbet aċċess mhux awtorizzat għal data kummerċjali sensittiva, b'rезультат ta' telf ekonomiku sinifikanti.</p> <p>L-attur magħruf pubblikament bħala 'APT10' ('Advanced Persistent Threat 10' (magħruf ukoll bħala 'Red Apollo', 'CVNX', 'Stone Panda', 'MenuPass' u 'Potassium') wettaq l-'Operation Cloud Hopper'. Gao Qianq jista' jkollu rabtiet ma' APT10, inkluż permezz tal-assoċjazzjoni tiegħu mal-infrastruttura ta' kmand u kontroll ta' APT10. Barra minn hekk, Huaying Haitai, entità deżejnjata li tipprovd appoġġ u li tiffaċilita l-'Operation Cloud Hopper', impiegat lil Gao Qiang. Huwa għandu rabtiet ma' Zhang Shilong, li huwa wkoll iddeżinjat b'konnessjoni mal-'Operation Cloud Hopper'. Gao Qiang huwa għalhekk assoċjat kemm ma' Huaying Haitai kif ukoll ma' Zhang Shilong.</p>	30.7.2020
2.	ZHANG Shilong	Indirizz: Hedong, Yuyang Road No 121, Tianjin, China Nazzjonaliità: Ċiniża Sess: raġel	<p>Zhang Shilong huwa involut fl-'Operation Cloud Hopper', sensiela ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li joriġinaw minn barra l-Unjoni u li jikkostitwixxu theddida esterna għall- Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, u ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi. L-'Operation Cloud Hopper' kellha fil-mira tagħha s-sistemi ta' informazzjoni ta' kumpanniji multinazzjonali f'sitt kontinenti, inkluż kumpanniji li jinsabu fl- Unjoni, u kisbet aċċess mhux awtorizzat għal data kummerċjali sensittiva, b'rезультат ta' telf ekonomiku sinifikanti.</p> <p>L-attur magħruf pubblikament bħala 'APT10' ('Advanced Persistent Threat 10') (magħruf ukoll bħala 'Red Apollo', 'CVNX', 'Stone Panda', 'MenuPass' u 'Potassium') wettaq l-'Operation Cloud Hopper'.</p> <p>Zhang Shilong jista' jkollu rabtiet ma' APT10, inkluż permezz tal-malware li żviluppa u ttestja b'konnessjoni mal-attakki ċibernetiċi mwettqa minn APT10. Barra minn hekk, Huaying Haitai, entità ddeżinjata li tipprovd appoġġ u tiffaċilita l-'Operation Cloud Hopper', impiegat lil Zhang Shilong. Huwa għandu rabtiet ma' Gao Qiang, li huwa wkoll iddeżinjat b'konnessjoni mal-'Operation Cloud Hopper'. Għalhekk Zhang Shilong huwa assoċjat kemm ma' Huaying Haitai kif ukoll ma' Gao Qiang.</p>	30.7.2020

3.	Alexey Valeryevich MININ	<p>Алексей Валерьевич МИНИН          Data tat-tweli: 27 ta' Mejju 1972          Post tat-tweli: Perm Oblast, ir-Repubblika Soċjalista Federattiva Sovjetika Russa (illum il-Federazzjoni Russa)          Numru tal-passaport: 120017582          Maħruġ minn: Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa          Validità: mis-17 ta' April 2017 sas-17 ta' April 2022          Post: Moska, Federazzjoni Russa          Nazzjonalitā: Russa          Sess: raġel</p>	<p>Alexey Minin ħa sehem fit-tentattiv ta' attakk ċibernetiku b'effett potenzjalment sinifikanti kontra l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armī Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands. Bħala uffiċjal ta' appoġġ għall-intelligence umana tad-Direttorat Ewljeni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), Alexey Minin kien parti minn tim ta' erba' uffiċjali tal-intelligence militari Russa li f'April 2018 ippruvaw jiksbu aċċess mhux awtorizzat għan-network tal-WiFi tal-OPCW f'The Hague, in-Netherlands. L-għan tat-tentattiv ta' attakk ċibernetiku kien il-hacking tan-network tal-WiFi tal-OPCW, li kieku rnexxa kien jikkomprometti s-sigurtà tan-network u l-ħidma investigattiva li għaddejja tal-OPCW. Is-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence tad-Difiża tan-Netherlands (DISS) (Militaire Inlichtingen-en Veiligheidsdienst – MIVD) ħarbat dan it-tentattiv ta' attakk ċibernetiku, u b'hekk ipprevjena li ssir ħsara gravi lill-OPCW.</p>	30.7.2020
4.	Aleksei Sergeyevich MORENETS	<p>Алексей Сергеевич МОРЕНЕЦ          Data tat-tweli: 31 ta' Lulju 1977          Post tat-tweli: Murmanskaya Oblast, ir-Repubblika Soċjalista Federattiva Sovjetika Russa (illum il-Federazzjoni Russa)          Numru tal-passaport: 100135556          Maħruġ minn: Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa          Validità: mis-17 ta' April 2017 sas-17 ta' April 2022          Post: Moska, Federazzjoni Russa          Nazzjonalitā: Russa          Sess: raġel</p>	<p>Aleksei Morenets ħa sehem fit-tentattiv ta' attakk ċibernetiku b'effett potenzjalment sinifikanti kontra l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armī Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands. Bħala uffiċjal taċ-ċibernetika għad-Direttorat Ewljeni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), Aleksei Morenets kien parti minn tim ta' erba' uffiċjali tal-intelligence militari Russa li f'April 2018 ippruvaw jiksbu aċċess mhux awtorizzat għan-network tal-WiFi tal-OPCW f'The Hague, in-Netherlands. L-għan tat-tentattiv ta' attakk ċibernetiku kien il-hacking tan-network tal-WiFi tal-OPCW, li kieku rnexxa kien jikkomprometti s-sigurtà tan-network u l-ħidma investigattiva li għaddejja tal-OPCW. Is-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence tad-Difiża tan-Netherlands (DISS) (Militaire Inlichtingen-en Veiligheidsdienst – MIVD) ħarbat dan it-tentattiv ta' attakk ċibernetiku, u b'hekk ipprevjena li ssir ħsara gravi lill-OPCW.</p>	30.7.2020
5.	Evgenni Mikhaylovich SEREBRIAKOV	<p>Евгений Михайлович СЕРЕБРЯКОВ          Data tat-tweli: 26 ta' Lulju 1981          Post tat-tweli: Kursk, ir-Repubblika Soċjalista Federattiva Sovjetika Russa (illum il-Federazzjoni Russa)          Numru tal-passaport: 100135555          Maħruġ minn: Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa          Validità: mis-17 ta' April 2017 sas-17 ta' April 2022          Post: Moska, Federazzjoni Russa          Nazzjonalitā: Russa          Sess: raġel</p>	<p>Evgenni Serebriakov ħa sehem fit-tentattiv ta' attakk ċibernetiku b'effett potenzjalment sinifikanti kontra l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armī Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands. Bħala uffiċjal taċ-ċibernetika għad-Direttorat Ewljeni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), Evgenii Serebriakov kien parti minn tim ta' erba' uffiċjali tal-intelligence militari Russa li f'April 2018 ippruvaw jiksbu aċċess mhux awtorizzat għan-network tal-WiFi tal-OPCW f'The Hague, in-Netherlands. L-għan tat-tentattiv ta' attakk ċibernetiku kien il-hacking tan-network tal-WiFi tal-OPCW, li kieku rnexxa kien jikkomprometti s-sigurtà tan-network u l-ħidma investigattiva li għaddejja tal-OPCW. Is-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence tad-Difiża tan-Netherlands (DISS) (Militaire Inlichtingen-en Veiligheidsdienst – MIVD) ħarbat dan it-tentattiv ta' attakk ċibernetiku, u b'hekk ipprevjena li ssir ħsara gravi lill-OPCW.</p>	30.7.2020

6.	Oleg Mikhaylovich SOTNIKOV	<p>Oleg Mikhaylovich СОТНИКОВ  Data tat-twelid: 24 ta' Awwissu 1972  Post tat-twelid: Ulyanovsk, ir-Repubblika Soċjalista Federattiva Sovjetika Russa (illum il-Federazzjoni Russa)  Numru tal-passaport: 120018866  Maħruġ minn: Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa  Validità: mis-17 ta' April 2017 sas-17 ta' April 2022  Post: Moska, Federazzjoni Russa  Nazzjonaliità: Russa  Sess: raġel</p>	<p>Oleg Sotnikov ħa sehem fit-tentattiv ta' attakk ċibernetiku b'effett potenzjalment sinifikanti kontra l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands. Bħala uffiċjal ta' appoġġ għall-intelligence umana tad-Direttorat Ewljeni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), Oleg Sotnikov kien parti minn tim ta' erba' uffiċjali tal-intelligence militari Russa li f'April 2018 ippruvaw jiksbu aċċess mhux awtorizzat għan-network tal-WiFi tal-OPCW f/The Hague, in-Netherlands. L-għan tat-tentattiv ta' attakk ċibernetiku kien il-hacking tan-network tal-WiFi tal-OPCW, li kieku rnexxa kien jikkomprometti s-sigurtà tan-network u l-ħidma investigattiva li għaddejja tal-OPCW. Is-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence tad-Difiża tan-Netherlands (DISS) (Militaire Inlichtingen-en Veiligheidsdienst – MIVD) ħarbat dan it-tentattiv ta' attakk ċibernetiku, u b'hekk ipprevjena li ssir ħsara gravi lill-OPCW.</p>	30.7.2020
----	----------------------------	---	--	-----------

#### B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Tianjin Huaying Haitai Science and Technology Development Co. Ltd (Huaying Haitai)	Magħrufa wkoll bħala: Haitai Technology Development Co. Ltd Post: Tianjin, iċ-Ċina	<p>Huaying Haitai pprovdiert appoġġ finanzjarju, tekniku jew materjali, u ffaċilitat, l-'Operation Cloud Hopper', sensiela ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jorġinaw minn barra l-Unjoni u jikkostitwixxu theddida esterna għall- Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha, u ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi.</p> <p>L-'Operation Cloud Hopper' kellha fil-mira tagħha s-sistemi ta' informazzjoni ta' kumpanniji multinazzjonali f'sitt kontinenti, inkluż kumpanniji li jinsabu fl- Unjoni, u kisbet aċċess mhux awtorizzat għal data kummerċjali sensittiva, b'rızultat ta' telf ekonomiku sinifikanti.</p> <p>L-attur magħruf pubblikament bħala 'APT10' (Advanced Persistent Threat 10') (magħruf ukoll bħala 'Red Apollo', 'CVNX', 'Stone Panda', 'MenuPass' u 'Potassium') wettaq l-'Operation Cloud Hopper'.</p> <p>Huaying Haitai jista' jkollha rabtiet ma' APT10. Barra minn hekk, Huaying Haitai impiegat lil Gao Qiang u Zhang Shilong, li t-tnejn huma deżinjati b'rabta mal-'Operation Cloud Hopper'. Għaldaqstant, Huaying Haitai hija assoċjata ma' Gao Qiang u Zhang Shilong.</p>	30.7.2020
2.	Chosun Expo	Magħrufa wkoll bħala: Chosen Expo; Korea Export Joint Venture Post: RDPK	<p>Chosun Expo pprovdiert appoġġ finanzjarju, tekniku jew materjali, u ffaċilitat, sensiela ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jorġinaw minn barra l-Unjoni u jikkostitwixxu theddida esterna għall- Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha, u ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi, inkluż l-attakki ċibernetiċi magħrufa pubblikament bħala 'WannaCry' u l-attakki ċibernetiċi kontra l-Awtorită Pollakka tas-Superviżjoni Finanzjarja u Sony Pictures Entertainment, kif ukoll serq ċibernetiku mill-Bangladesh Bank u tentattiv ta' serq ċibernetiku mill-Vietnam Tien Phong Bank.</p>	30.7.2020

		<p>'WannaCry' fixkel is-sistemi tal-informazzjoni madwar id-dinja permezz ta' ransomware mmirat lejn is-sistemi ta' informazzjoni u billi waqqaf l-aċċess għad-data. Huwa affettwa sistemi tal-informazzjoni ta' kumpanniji fl-Unjoni, inkluż sistemi ta' informazzjoni marbuta ma' servizzi meħtieġa għaż-żamma ta' servizzi essenzjali u attivitajiet ekonomiċi fl-Istat Membri.</p> <p>L-attur magħruf pubblikament bħala 'APT38' ('Advanced Persistent Threat 38') jew il-'Lazarus Group' wettaq 'WannaCry'. Chosun Expo jista' jkollha rabtiet ma' APT38/il-Lazarus Group, inkluż permezz tal-kontijiet użati għall-attakki ċibernetiċi.</p>	
3.	Main Centre for Special Technologies (iċ-Ċentru Ewleni għat-Teknoloġi Specjalji) (GTsST) tad-Direttorat Ewleni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU)	<p>22 Kirova Street, Moscow, Russian Federation</p> <p>Iċ-Ċentru Ewleni għat-Teknoloġi Specjalji (GTsST) tad-Direttorat Ewleni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), magħruf ukoll bin-numru tal-posta militari tiegħi 74455, huwa responsabbli għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li joriġinaw minn barra l-Unjoni u li jikkostitwixxu theddida esterna għall- Unjoni jew għall-Istat Membri tagħha, u għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi, inkluż l-attakki ċibernetiċi magħrufa pubblikament bħala 'NotPetya' jew 'EternalPetya' f'Għunju 2017 u l-attakki ċibernetiċi diretti kontra l-grilja tal-enerġija Ukrena fix-xitwa tal-2015 u l-2016. 'NotPetya' jew 'EternalPetya' rendew id-data inaċċessibbli fghadd ta' kumpanniji fl- Unjoni, fl-Ewropa inġenerali u madwar id-dinja, billi attakkaw kompjuters b'ransomware u waqqfu l-aċċess għad-data, b'rīzultat ta' telf ekonomiku sinifikanti, fost l-oħrajn. L-attakk ċibernetiku fuq il-grilja tal-enerġija Ukrena wassal biex partijiet minnha ntfew matul ix-xitwa.</p> <p>L-attur magħruf pubblikament bħala Sandworm (magħruf ukoll bħala 'Sandworm Team', 'BlackEnergy Group', 'Voodoo Bear', 'Quedagh', 'Olympic Destroyer' u 'Telebots'), li huwa wkoll responsabbli għall-attakk fuq il-grilja tal-enerġija Ukrena, wettaq 'NotPetya' jew 'EternalPetya'. Iċ-Ċentru Ewleni għat-Teknoloġi Specjalji tad-Direttorat Ewleni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa jaqqid rwol attiv fl-aktivitajiet ċibernetiċi mwettqa minn Sandworm u jista' jkollu rabtiet ma' Sandworm.</p>	30.7.2020"

## DEĊIJONIJIET

### DECİJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1126

**tat-30 ta' Lulju 2020**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni, gruppi, impiji u entitajiet assoċjati magħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693<sup>(1)</sup> dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impiji u entitajiet assoċjati magħhom.
- (2) Fid-dawl tat-thedda kontinwa ta' ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni, gruppi, impiji u entitajiet assoċjati magħhom, jenħtieġ li tiżdied persuna waħda mal-lista ta' persuni, gruppi, impiji u entitajiet li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2020.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
M. ROTH*

---

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impiji u entitajiet assoċjati magħhom u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK (ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25).

## ANNESS

L-entrata li ġejja tiżdied mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693:

“6. Bryan D'ANCONA; data tat-twelid: 26 ta' Jannar 1997; post tat-twelid: Nizza (Franza); nazzjonalità: Franċiża.”.

---

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1127

tat-30 ta' Lulju 2020

### **li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 <sup>(1)</sup>.
- (2) Il-miżuri restrittivi mmirati kontra l-attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha huma fost il-miżuri inklużi fil-qafas tal-Unjoni għal risponsdi diplomatiċi konġunt għal aktivitajiet ċibernetiċi malizzjużi (is-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija) u huma strument vitali biex aktivitajiet bħal dawn jiġu skorägguti u jingħata respons għalihom. Il-miżuri restrittivi jistgħu wkoll jiġu applikati b'rispons għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, fejn jitqiesu meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika esterna u ta' sigurtà komuni stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (3) Fis-16 ta' April 2018, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li fihom ikkundanna bil-qawwa l-użu malizzjuż tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inkluż fl-attakki ċibernetiċi magħrufa pubblikament bħala "WannaCry" u "NotPetya", li kkawżaw ħsara u telf ekonomiku sinifikanti fl-Unjoni u lil hinn minnha. Fl-4 ta' Ottubru 2018 il-Presidenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-Rappreżentant Għoli) esprimew f'dikjarazzjoni konġunta tħassib serju dwar tentattiv ta' attakk ċibernetiku maħsub li jdghajnejf l-integrità tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands, att aggressiv li wera disprezz lejn l-għan solenni tal-OPCW. F'dikjarazzjoni li għamel fisem l-Unjoni fit-12 ta' April 2019, ir-Rappreżentant Għoli ħeġġeġ lill-atturi biex ma jibqgħux iwettqu aktivitajiet ċibernetiċi malizzjużi maħsuba biex idgħajfu l-integrità, is-sigurtà u l-kompetittività ekonomika tal-Unjoni, inkluż atti ta' serq ta' proprijetà intellettuali ffaċilitat miċ-ċibernetika. Fost dan is-serq issafċilitat miċ-ċibernetika hemm dak imwettaq mill-attur magħrufa pubblikament bħala 'APT10' (Advanced Persistent Threat 10').
- (4) F'dan il-kuntest, u bħala prevenzjoni, skoräggiment, deterrent u respons għal imgħiba malizzjuż kontinwa u dejjem tiżdied fiċ-ċiberspazio, jenħtieġ li sitt persuni fizżei u tliet entitajiet jew korpi jiġu inklużi fil-lista tal-persuni fizżei u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabilita fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797. Dawk il-persuni u entitajiet jew korpi huma responsabbi, ipprovdew appoġġ jew kienu involuti, jew issafċilitaw, attakki ċibernetiċi jew tentattivi ta' attakk ċibernetiċi, inkluż id-tentattiv ta' attakk ċibernetiku kontra l-OPCW u l-attakki ċibernetiċi magħrufa pubblikament bħala "WannaCry" u "NotPetya", kif ukoll l-"Operation Cloud Hopper".
- (5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 tiġi emmendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 huwa emmadat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha (ĠU L 129 I, 17.5.2019, p. 13).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2020.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
M. ROTH*

---

## ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet jew il-korpi li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797:

**A. Persuni fiżiċi**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	GAO Qiang	<p>Post tat-twelid: Provinċja ta' Shandong, iċ-Ċina Indirizz: Room 1102, Guanfu Mansion, 46 Xinkai Road, Hedong District, Tianjin, China</p> <p>Nazzjonaliità: Ċiniża Sess: raġel</p>	<p>Gao Qianq huwa involut fl-'Operation Cloud Hopper', sensiela ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li joriġinaw minn barra l-Unjoni u li jikkostitwixxu theddida esterna għall- Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, u ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi.</p> <p>L-'Operation Cloud Hopper' kellha fil-mira tagħha s-sistemi ta' informazzjoni ta' kumpanniji multinazzjonali f'sitt kontinenti, inkluż kumpanniji li jinsabu fl- Unjoni, u kisbet aċċess mhux awtorizzat għal data kummerċjali sensitiva, b'rезультат ta' telf ekonomiku sinifikanti.</p> <p>L-attur magħruf pubblikament bħala 'APT10' ('Advanced Persistent Threat 10') (magħruf ukoll bħala 'Red Apollo', 'CVNX', 'Stone Panda', 'MenuPass' u 'Potassium') wettaq l-'Operation Cloud Hopper'.</p> <p>Gao Qianq jista' jkollu rabtiet ma' APT10, inkluż permezz tal-assoċjazzjoni tiegħu mal-infrastruttura ta' kmand u kontroll ta' APT10. Barra minn hekk, Huaying Haitai, entità deżżejjata li tipprovd appoġġ u li tiffaċilita l-'Operation Cloud Hopper', impjegat lil Gao Qiang. Huwa għandu rabtiet ma' Zhang Shilong, li huwa wkoll iddeżżejjant b'konnessjoni mal-'Operation Cloud Hopper'. Gao Qiang huwa għalhekk assoċċjat kemm ma' Huaying Haitai kif ukoll ma' Zhang Shilong.</p>	30.7.2020
2.	ZHANG Shilong	<p>Indirizz: Hedong, Yuyang Road No 121, Tianjin, China</p> <p>Nazzjonaliità: Ċiniża Sess: raġel</p>	<p>Zhang Shilong huwa involut fl-'Operation Cloud Hopper', sensiela ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li joriġinaw minn barra l-Unjoni u li jikkostitwixxu theddida esterna għall- Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, u ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi.</p> <p>L-'Operation Cloud Hopper' kellha fil-mira tagħha s-sistemi ta' informazzjoni ta' kumpanniji multinazzjonali f'sitt kontinenti, inkluż kumpanniji li jinsabu fl- Unjoni, u kisbet aċċess mhux awtorizzat għal data kummerċjali sensitiva, b'rgebnat ta' telf ekonomiku sinifikanti.</p> <p>L-attur magħruf pubblikament bħala 'APT10' ('Advanced Persistent Threat 10') (magħruf ukoll bħala 'Red Apollo', 'CVNX', 'Stone Panda', 'MenuPass' u 'Potassium') wettaq l-'Operation Cloud Hopper'.</p>	30.7.2020

			Zhang Shilong jista' jkollu rabtiet ma' APT10, inkluż permezz tal-malware li żviluppa u ttestja b'konnessjoni mal-attakki ċibernetiċi mwettqa minn APT10. Barra minn hekk, Huaying Haitai, entità ddeżinjata li tipprovdi appoġġ u tiffaċilita l-'Operation Cloud Hopper', impiegat lil Zhang Shilong. Huwa għandu rabtiet ma' Gao Qiang, li huwa wkoll iddeżinjat b'konnessjoni mal-'Operation Cloud Hopper'. Għalhekk Zhang Shilong huwa assoċjat kemm ma' Huaying Haitai kif ukoll ma' Gao Qiang.	
3.	Alexey Valeryevich MININ	<p>Алексей Валерьевич МИНИН</p> <p>Data tat-twelid: 27 ta' Mejju 1972</p> <p>Post tat-twelid: Perm Oblast, ir-Repubblika Soċjalista Federattiva Sovjetika Russa (illum il-Federazzjoni Russa)</p> <p>Numru tal-passaport: 120017582 Maħruġ minn: Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa Validità: mis-17 ta' April 2017 sas-17 ta' April 2022</p> <p>Post: Moska, Federazzjoni Russa</p> <p>Nazzjonaliità: Russa</p> <p>Sess: ragħel</p>	<p>Alexey Minin ħa sehem fit-tentattiv ta' attakk ċibernetiku b'effett potenzjalment sinifikanti kontra l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands.</p> <p>Bħala uffiċjal ta' appoġġ għall-intelligence umana tad-Direttorat Ewljeni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), Alexey Minin kien parti minn tim ta' erba' uffiċjali tal-intelligence militari Russa li f'April 2018 ippruvaw jiksbu aċċess mhux awtorizzat għan-network tal-WiFi tal-OPCW f'The Hague, in-Netherlands. L-għan tat-tentattiv ta' attakk ċibernetiku kien il-hacking tan-network tal-WiFi tal-OPCW, li kieku rnexxa kien jikkomprometti s-sigurtà tan-network u l-ħidma investigattiva li għaddejja tal-OPCW. Is-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence tad-Difiża tan-Netherlands (DISS) (Militaire Inlichtingen- en Veiligheidsdienst – MIVD) ħarbat dan it-tentattiv ta' attakk ċibernetiku, u b'hekk ipprevjena li ssir ħsara gravi lill-OPCW.</p>	30.7.2020
4.	Aleksei Sergeyevich MORENETS	<p>Алексей Сергеевич МОРЕНЕЦ</p> <p>Data tat-twelid: 31 ta' Lulju 1977</p> <p>Post tat-twelid: Murmanskaya Oblast, ir-Repubblika Soċjalista Federattiva Sovjetika Russa (illum il-Federazzjoni Russa)</p> <p>Numru tal-passaport: 100135556 Maħruġ minn: Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa Validità: mis-17 ta' April 2017 sas-17 ta' April 2022</p> <p>Post: Moska, Federazzjoni Russa</p> <p>Nazzjonaliità: Russa</p> <p>Sess: ragħel</p>	<p>Aleksei Morenets ħa sehem fit-tentattiv ta' attakk ċibernetiku b'effett potenzjalment sinifikanti kontra l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands.</p> <p>Bħala uffiċjal taċ-ċibernetika għad-Direttorat Ewljeni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), Aleksei Morenets kien parti minn tim ta' erba' uffiċjali tal-intelligence militari Russa li f'April 2018 ippruvaw jiksbu aċċess mhux awtorizzat għan-network tal-WiFi tal-OPCW f'The Hague, in-Netherlands. L-għan tat-tentattiv ta' attakk ċibernetiku kien il-hacking tan-network tal-WiFi tal-OPCW, li kieku rnexxa kien jikkomprometti s-sigurtà tan-network u l-ħidma investigattiva li għaddejja tal-OPCW. Is-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence tad-Difiża tan-Netherlands (DISS) (Militaire Inlichtingen- en Veiligheidsdienst – MIVD) ħarbat dan it-tentattiv ta' attakk ċibernetiku, u b'hekk ipprevjena li ssir ħsara gravi lill-OPCW.</p>	30.7.2020

5.	Evgenii Mikhaylovich SEREBRIAKOV	<p>Евгений Михайлович СЕРЕБРЯКОВ</p> <p>Data tat-twelid: 26 ta' Lulju 1981</p> <p>Post tat-twelid: Kursk, ir-Repubblika Soċjalista Federattiva Sovjetika Russa (illum il-Federazzjoni Russa)</p> <p>Numru tal-passaport: 100135555</p> <p>Maħruġ minn: Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa</p> <p>Validità: mis-17 ta' April 2017 sas-17 ta' April 2022</p> <p>Post: Moska, Federazzjoni Russa</p> <p>Nazzjonalită: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Evgenii Serebriakov ħa sehem fit-tentativ ta' attakk ċibernetiku b'effett potenzjalment sinifikanti kontra l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armij Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands.</p> <p>Bħala uffiċjal taċ-ċibernetika għad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), Evgenii Serebriakov kien parti minn tim ta' erba' uffiċjali tal-intelligence militari Russa li f'April 2018 ippruvaw jiksbu aċċess mhux awtorizzat għan-network tal-WiFi tal-OPCW f'The Hague, in-Netherlands. L-għan tat-tentativ ta' attakk ċibernetiku kien il-hacking tan-network tal-WiFi tal-OPCW, li kieku rnexxa kien jikkomprometti s-sigurtà tan-network u l-ħidma investigattiva li għaddejja tal-OPCW. Is-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence tad-Difiża tan-Netherlands (DISS) (Militaire Inlichtingen- en Veiligheidsdienst – MIVD) ħarbat dan it-tentativ ta' attakk ċibernetiku, u b'hekk ipprevjena li ssir ħsara gravi lill-OPCW.</p>	30.7.2020
6.	Oleg Mikhaylovich SOTNIKOV	<p>Олег Михайлович СОТНИКОВ</p> <p>Data tat-twelid: 24 ta' Awwissu 1972</p> <p>Post tat-twelid: Ulyanovsk, ir-Repubblika Soċjalista Federattiva Sovjetika Russa (illum il-Federazzjoni Russa)</p> <p>Numru tal-passaport: 120018866</p> <p>Maħruġ minn: Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa</p> <p>Validità: mis-17 ta' April 2017 sas-17 ta' April 2022</p> <p>Post: Moska, Federazzjoni Russa</p> <p>Nazzjonalită: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Oleg Sotnikov ħa sehem fit-tentativ ta' attakk ċibernetiku b'effett potenzjalment sinifikanti kontra l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armij Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands.</p> <p>Bħala uffiċjal ta' appoġġ għall-intelligence umana tad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), Oleg Sotnikov kien parti minn tim ta' erba' uffiċjali tal-intelligence militari Russa li f'April 2018 ippruvaw jiksbu aċċess mhux awtorizzat għan-network tal-WiFi tal-OPCW f'The Hague, in-Netherlands. L-għan tat-tentativ ta' attakk ċibernetiku kien il-hacking tan-network tal-WiFi tal-OPCW, li kieku rnexxa kien jikkomprometti s-sigurtà tan-network u l-ħidma investigattiva li għaddejja tal-OPCW. Is-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence tad-Difiża tan-Netherlands (DISS) (Militaire Inlichtingen- en Veiligheidsdienst – MIVD) ħarbat dan it-tentativ ta' attakk ċibernetiku, u b'hekk ipprevjena li ssir ħsara gravi lill-OPCW.</p>	30.7.2020

#### B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Tianjin Huaying Haitai Science and Technology Development Co. Ltd (Huaying Haitai)	<p>Magħrufa wkoll bħala: Haitai Technology Development Co. Ltd</p> <p>Post: Tianjin, iċ-Ċina</p>	<p>Huaying Haitai pprovdiet appoġġ finanzjarju, tekniku jew materjali, u ffaċilitat, l-'Operation Cloud Hopper', sensiela ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li joriġinaw minn barra l-Unjoni u jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha, u ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi.</p>	30.7.2020

		<p>L-'Operation Cloud Hopper' kellha fil-mira tagħha s-sistemi ta' informazzjoni ta' kumpanniji multinazzjonali f'sitt kontinenti, inkluż kumpanniji li jinsabu fl- Unjoni, u kisbet aċċess mhux awtorizzat għal data kummerċjali sensitiva, b'rgebnat ta' telf ekonomiku sinifikanti.</p> <p>L-attur magħruf pubblikament bħala 'APT10' ('Advanced Persistent Threat 10') (magħruf ukoll bħala 'Red Apollo', 'CVNX', 'Stone Panda', 'MenuPass' u 'Potassium') wettaq l-'Operation Cloud Hopper'.</p> <p>Huayng Haitai jista' jkollha rabtiet ma' APT10. Barra minn hekk, Huayng Haitai impjegat lil Gao Qiang u Zhang Shilong, li t-tnejn huma deżinjati b'raba mal-'Operation Cloud Hopper'. Għaldaqstant, Huayng Haitai hija assoċjata ma' Gao Qiang u Zhang Shilong.</p>		
2.	Chosun Expo	<p>Magħrufa wkoll bħala: Chosen Expo; Korea Export Joint Venture</p> <p>Post: RDPK</p>	<p>Chosun Expo pprovdiet appoġġ finanzjarju, tekniku jew materjali, u ffaċilitat, sensiela ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jorġinaw minn barra l-UNJONI u jikkostitwixxu theddida esterna għall- UNJONI jew għall-Istati Membri tagħha, u ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi, inkluż l-attakki ċibernetiċi magħrufa pubblikament bħala 'WannaCry' u l-attakki ċibernetiċi kontra l-Awtorità Pollakka tas-Superviżjoni Finanzjarja u Sony Pictures Entertainment, kif ukoll serq ċibernetiku mill-Bangladesh Bank u tentattiv ta' serq ċibernetiku mill-Vietnam Tien Phong Bank.</p> <p>'WannaCry' fixkel is-sistemi tal-informazzjoni madwar id-dinja permezz ta' ransomware mmirat lejn is-sistemi ta' informazzjoni u billi waqqaf l-aċċess għad-data. Huwa affettwa s-sistemi tal-informazzjoni ta' kumpanniji fl-UNJONI, inkluż sistemi ta' informazzjoni marbuta ma' servizzi meħtieġa għaż-żamma ta' servizzi essenzjali u attivitajiet ekonomiċi fl-Istat Membri.</p> <p>L-attur magħruf pubblikament bħala 'APT38' ('Advanced Persistent Threat 38') jew il-'Lazarus Group' wettaq 'WannaCry'.</p> <p>Chosun Expo jista' jkollha rabtiet ma' APT38/il-Lazarus Group, inkluż permezz tal-kontijiet użati għall-attakki ċibernetiċi.</p>	30.7.2020
3.	Main Centre for Special Technologies (iċ-Ċentru Ewleni għat-Teknoloġi Speċjal) (GTsST) tad-Direttorat Ewleni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU)	22 Kirova Street, Moscow, Russian Federation	Iċ-Ċentru Ewleni għat-Teknoloġi Speċjal (GTsST) tad-Direttorat Ewleni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), magħruf ukoll bin-numru tal-posta militari tiegħi 74455, huwa responsabbli għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jorġinaw minn barra l-UNJONI u li jikkostitwixxu theddida esterna għall- UNJONI jew għall-Istat Membri tagħha, u għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi, inkluż l-attakki ċibernetiċi magħrufa pubblikament bħala 'NotPetya' jew 'EternalPetya' f'Għunju 2017 u l-attakki ċibernetiċi diretti kontra l-grilja tal-energijsa Ukreña fix-xitwa tal-2015 u l-2016.	30.7.2020".

		<p>'NotPetya' jew 'EternalPetya' rendew id-data inaċċessibbli f'għadd ta' kumpanniji fl- Unjoni, fl-Ewropa inġenerali u madwar id-dinja, billi attakkaw kompjuters b'ransomware u waqqfu l-aċċess għad-data, b'riżultat ta' telf ekonomiku sinifikanti, fost l-oħrajn. L-attakk ċibernetiku fuq il-grilja tal-enerġija Ukrena wassal biex partijiet minnha ntfew matul ix-xitwa.</p> <p>L-attur magħruf pubblikament bħala Sandworm (magħruf ukoll bħala 'Sandworm Team', 'BlackEnergy Group', 'Voodoo Bear', 'Quedagh', 'Olympic Destroyer' u 'Telebots'), li huwa wkoll responsabbi għall-attakk fuq il-grilja tal-enerġija Ukrena, wettaq 'NotPetya' jew 'EternalPetya'.</p> <p>Iċ-Ċentru Ewljeni għat-Teknoloġiji Specjalji tad-Direttorat Ewljeni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa jaqdzi rwol attiv fl-aktivitajiet ċibernetiċi mwettqa minn Sandworm u jista' jkollu rabtiet ma' Sandworm.</p>	
--	--	---	--



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

